MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 1285/1992/1

**Liliana Farrugia mart Michael u l-istess Michael Farrugia**

**f'ismu u bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti li**

**assenja kull dritt litigjuz lil Liliana Farrugia**

**b'kuntratt tal-11 ta' Novembru 1994**

**v.**

**Francis Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fit-2 ta' Ottubru, 1992, u li jaqra hekk:

> "Peress li minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu tal-atturi, gew kagunati danni meta fil-21 ta' Lulju, 1990, waqa' soffitt fil-hanut Save-on f'Paola, li ghalih hu responsabbli l-istess attur;
>
> "Peress li dawn id-danni, kemm bhala danni emergenti u kemm bhala lucrum cessans. Jikkonsistu fi hsara permanenti li sofriet l-attrici Liliana Farrugia fl-istess incident, u l-ispejjez minnha nkorsi f'kuri u nuqqas ta' kapacita` ghax-xoghol, u fil-fatt ghadha tbati minn dizabbilita` permanenti;
>
> "Peress li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm rizarciment mill-konvenut;
>
> "Jinghad, ghalhekk, mill-konvenut ghala din il-Qorti m'ghandhiex:
>
> "1. tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi meta fil-21 ta' Lulju, 1990, waqa' soffit fil-hanut Save-on f'Paola, li ghalih hu responsabbli l-istess attur;
>
> "2. tillikwida d-danni kagjonati. Jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

“3. tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni; inkluzi l-ispejjez ohra fosthom dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Lulju, 1992.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi fl-ewwel lik, l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghad-danni li sofriet Lilian Farrugia;

“2. Illi konsegwentement ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi;

“Salvi eccezzjoniiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-

“1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

“2. Tilqa’ t-talbiet tal-atturi:-

“(a) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta’ Lulju 1990 fil-hanut Save On, Rahal Gdid.

"(b) Tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgha u tletin elef erbgha mija u disgha u tletin ewro (€34,439).

"(c) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbgha u tletin elef erbgha mija u disgha u tletin ewro (€34,439).

"Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Jirrizulta li fil-hanut Save On kien hemm raff li kien:-

i. "Gie ddisinjat mill-konvenut.
ii. "Tpogga fil-hanut minn Francis Gauci.
iii. "Jintuza ghall-hazna ta' merkanzija.

"Fil-kawza **Iris Cassar et vs Francis Gauci** (1249/1992) deciza minn din il-qorti[1] fl-1 ta' Marzu 2011 u llum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, sar rapport mill-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti u rrelata li l-incident sehh minhabba l-mod hazin kif kien gie ppjantat u sar ir-raff. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 gie verbalizzat:-

***"Id-difensuri tal-partijiet talbu li fil-konsiderazzjonijiet li ser taghmel il-qorti tiehu konjizzjoni tal-atti tal-kawza Iris Cassar et vs Francis Gauci li hi differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2012. Gialadarba hemm qbil li l-provi li ngabru f'dik il-kawza ghandhom ikunu prova ghall-finijiet ta' responsabbilta', tilqa' t-talba."*** [2]. Minn dawk l-atti hu evidenti li l-provi ta' din il-kawza kienu qeghidn jingabru f'dik il-kawza.

---

[1] Imhallef A. Lofaro.
[2] Fil-kors tas-smiegh tal-kawza kienet qeghda ssir ukoll riferenza ghall-kawza **Isabelle Ciantar et vs Francis Gauci** (1287/1992), li pero fil-21 ta' Jannar 2003 giet differita *sine die* u fit-3 ta' Mejju 2004 marret dezerta.

"Il-konvenut jikkritika l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-perit tekniku u jsostni li l-incident sehh minhabba li *".....d-ducting ta' l-airconditioning, imwahhal minn terzi [Acres Ltd], u li kien invitat waqa u gibed is-saqaf mieghu."*[3]. M'hemm l-ebda prova ta' dan ghajr **ghall-allegazzjoni** ta' Francis Gauci. Qieghed jinghad hekk ghaliex hu evidenti li Gauci m'ghandu l-ebda prova ta' dan. Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta jsemmi kif il-perit Ellul Vincenti naqas milli jikkunsidra *"....l-**possibilita** u anke l-verosimiljanza, mil-lat tekniku, jekk it-tezi ta' l-esponenti setghetx kienet minnha jew le. Dan il-fattur huwa kardinali, in kwantu **l-possibilta'** li kien id-ducting li waqqa s-saqaf mieghu seta jiskaguna l-esponenti minn kull responsabbilta,........."*. Il-qorti ma tiddecidix fuq possibiltajiet izda fuq il-provi li jressqu l-partijiet. L-oneru tal-prova ta' dak li allega l-konvenut, kienet tieghu u ta' hadd iktar. Dan apparti li mid-deposizzjoni tal-Professur Carmelo Pule' jirrizulta li dan id-ducting kien maghmul **mil-landa**.

"Mid-deposizzjoni tal-Professur Carmelo Pule' u d-deskrizzjoni tal-post li ta l-perit Richard Aquilina, jirrizulta kif:-

i. "L-art tal-istruttura kien chipboard, ohxon pulzier u tistrieh fuq strixxa injam imwahhla mal-hajt;
ii. "L-irfid tal-istruttura kien minn minn bicciet tal-hadid 'hollow sections' mqeghdin vertikalment u orrizontalment. Dawk vertikali kienu ta' pulzier b'pulzier u nofs, filwaqt li dawk orrizontali kienu ta' tlett pulzieri b'pulzier u nofs.
iii. "L-art kienet mizmuma minn travi tal-hadid orrizontali li ma kienux ingastati, u l-istess it-travi vertikali;
iv. "Kien hemm xi xkaffi fuq din l-istruttura li kienu marbutin u mdendlin b'wires galvanizzati mas-saqaf tal-fond;
v. "Il-merkanzija fuq din l-istruttura *'kienet fil-parti l-kbira fuq l-art tar-raff u mhux fuq l-ixkaffi mwahhla mal-hajt ghax kieku meta ceda r-raff din kienet tibqa' fil-post, cioe' fuq l-ixkaffi.'* (fol. 238).

"Nies li dahlu jixtru mill-hanut spiccaw mirdumin meta raff li gie dizinjat u mqieghed mill-konvenut, sid in-negozju, waqa' bil-merkanzija li kien hemm fuqu. L-obbligu kien tal-konvenut li jizgura li l-bini li kellu miftuh ghan-negozju ma kienx ta' periklu ghall-klijenti. Il-qorti ghandha parir tal-perit tekniku li d-dizinn u tqeghid tal-istruttura ma kienx skond is-sengha u l-arti. Hu rrelata: *"Jirrizulta wkoll li dan ir-raff kien mobbi sew bil-merkanzija, tant li l-merkanzija kienet tasal il-bicca l-kbira fuq l-art tar-raff u mhux fuq l-ixkafef imwahhla mall-hajt tant li kif qal il-professur Carmelo Pule it-travi orrizontali issagjaw u cedew fil-waqt li s-saqajn (hollow sections) taghwwgu u cedew taht il-pis li tieghu gew*

[3] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-18 ta' Jannar 2012.

*suggetti. Failure ta' din in-natura turi bic-car li raff ma kienx iddisinjat professjonalment u t-travi u saqajn cedew taht il-pis ta' fuqhom."* (fol. 232-233). Il-qorti ma tistax tiskarta opinjoni bhal din, li l-perit tekniku wasal ghaliha mill-provi li hemm fl-atti tal-kawza fuq imsemmija fosthom id-drawing li pprezenta l-konvenut stess dwar l-istruttura li ddizinja u ghamel hu stess. Il-fatt li l-perit tekniku ma rax b'ghajnejh l-istruttura, in kwantu n-nomina tieghu saret snin wara l-incident, ma jfissirx li l-qorti ghandha tiskarta l-fehma tieghu. Hu evidenti li l-konkluzjoni tieghu hi bazata fuq provi li hemm fl-atti. Sahansitra Jannice Mizzi, impjegata fil-hanut Save On minn Dicembru 1989, xehedet li xi xahar u nofs wara li bdiet tahdem fil-hanut kienet tisma' s-saqaf izaqzaq, u sahansitra l-konvenut kien qalilha biex hi, u haddiehor, ma jitilghux mal-ixkafef. Qalet: ***"Nghid li qabel l-incident konna nitkellmu bejnietna jiena u impjegata ohra u nikkummentaw fuq il-kondizzjoni tas-saqaf. Fil-fatt l-incident konna qed nistennewh isehh u darba naf ukoll li gbidt l-attenzjoni tal-konvenut ghall-hsejjes li kont nisma."*** (seduta tal-5 ta' Ottubru 1995). Verzjoni li qatt ma giet kontradetta. Min-naha l-ohra d-ducting tal-ventilazzjoni li qieghed iwahhal fih il-konvenut, fi kliemu kien twahhal 15 il-gurnata qabel l-incident. Fatt li jkompli jdghajjef it-tezi tal-konvenut li l-incident sehh minhabba li ceda d-ducting tal-arjakondizzjonata li kien hemm imwahhla mas-saqaf. Hu altru milli evidenti li l-konvenut baqa' passiv ghas-sinjali li ddeskriviet Mizzi u naqas milli jiehu prekawzjonijiet ghas-sahha u sigurta tal-impjegati u l-klijenti li kienu jzuru l-hanut. L-attur kellu obbligu li jipprotegi lil dawk li jidhlu fil-hanut minn incident li kien prevedibbli. L-incident kien tali li juri bic-car li kien hemm xi haga hazina fil-mod kif saret l-istruttura li ghamel l-attur biex fiha jahzen il-merkanzija u li ma kenitx tifhlah il-piz ta' dik il-merkanzija kollha li kienet qeghda titpogga fl-art. L-atturi taw prova li sehh incident mhux normali, u fl-assenza ta' spjegazzjoni sodisfacenti min-naha tal-konvenut, dan kollu hu iktar konsistenti ma' htija tal-konvenut. L-incident ma kienx isehh kieku l-konvenut, bhala *bonus paterfamilias*, ta prijorita ghas-sigurta tal-klijenti u l-impjegati. Il-qorti ma tistax tifhem kif f'dan ix-xenarju l-konvenut ghadu, wara dawn is-snin kollu, jwebbes rasu li m'huwiex responsabbli ghal dak li gara.

"Ghal dak li jirrigwarda hsara li Farrugia garrbet fuq il-persuna taghha, jirrizulta li:-

i. *"....garrbet ticrita fuq parti promenenti ta' wiccha. Ic-cikatrici li rrizultat bilkemm tidher mill-boghod, pero ikkawzat kemmxejn disparicc fil-fizjonomija fuq il-xellug ta' wiccha meta din titbissem qawwi jew tkemmex ghajnejha. Fl-istess ferita ntmiss in-nerv supraorbitali tax-xellug u ghalhekk, thoss differenti fuq din in-naha ta' mohha.*

*Farrugia laqtet ukoll ksur f'wiehed mill-irkiekel ta' ghonqha, u fl-istess hin garrbet dannu fin-nervituri C6 u C7 tal-lemin. Dawn hallew xi ftit nuqqas ta' moviment fl-ghonq u xi ftit tnemnim fis-seba z-zghir u fil-parti medjali tal-id u l-forearm."* (perit mediku Frederick Zammit Maempel fir-rapport li pprezenta fil-11 ta' Frar 1997 u esprima l-opinjoni li l-attrici qeghda tbati minn debilita permanenti ta' 10%)[4].

ii. *"il-griehi fil-wicc kienu giebu scarring li rabat il-mandibula (xedaq t'isfel) u ma kienitx tista tiftah halqa. Fl-operazzjoni sar ksur tal-mandibula fil-process koronoidu (coronoid process) u b'hekk nhelset ir-rabta. Issa tista tiftah halqa sew imma tilfet hafna mis-sahha tal-gidma, hemm nuqqas ta' funzjoni normali bi-strejn u ghajja tal-muskoli tal-mastikazzjoni li jista jkun kagun ta' ammont ta' ugigh. Din id-dizabilita hi permanenti u stmata ta' 10% (ghaxra fil-mija)."* (Prof. George Camilleri fir-rapport li pprezenta fil-21 ta' April 2004 u konfermat bil-gurament fis-6 ta' Lulju 2005[5]).

"Mid-data tal-incident ghaddew 22 sena. Jirrizulta li l-attrici hi mara tad-dar u skond il-gurisprudenza kostanti, ghandha bhal haddiehor jedd li tigi kkumpensata ghall-griehi li tkun sofriet u l-likwidazzjoni tad-danni ghandha ssir fuq il-paga minima nazzjonali[6]. Il-qorti ma taqbilx mal-perit legali li l-kalkolu ghandu jsir fuq rata ta' €140 fil-gimgha, gialadarba mill-1990 sal-lum hu maghruf x'kienet il-paga minima nazzjonali ghall-persuni li ghalqu 18 il-sena. Ghalhekk gialadarba hemm ic-certezza, ser tqies x'kienet il-paga minima nazzjonali ghal kull sena biex tara xi dhul kien hemm ghal kull sena[7]:-

| "**Sena** | **Fil-Gimgha** | **F'sena**. |
|---|---|---|
| "1990 | €76.59 | €3,982.68 |
| "1991 | €79.50 | €4,134 |
| "1992 | €82.99 | €4,315.48 |
| "1993 | €85.32 | €4,436.64 |
| "1994 | €88.82 | €4,618.64 |
| "1995 | €94.06 | €4,891.12 |

4 Nominat b'digriet tat-2 ta' Gunju 1994.
5 Nominat b'digriet tas-6 ta' Mejju 2003.
6 L-ammont hu hlas fil-gimgha (ara ligi sussidjarja 452.71).
7 F'dan ir-rigward ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza fit-3 ta' Dicembru 2004, kif ukoll **Michael Camilleri nomine vs id-Direttur ta' l-Edukazzjoni et** deciza fid-19 ta' Jannar 2010.

| | | |
|---|---|---|
| “1996 | €98.72 | €5,133.44 |
| “1997 | €102.21 | €5,314.92 |
| “1998 | €106.29 | €5,527.08 |
| “1999 | €110.37 | €5,739.24 |
| “2000 | €112.70 | €5,860.4 |
| “2001 | €116.19 | €6,041.88 |
| “2002 | €119.68 | €6,223.36 |
| “2003 | €123.76 | €6,435.52 |
| “2004 | €125.51 | €6,526.52 |
| “2005 | €129.88 | €6,753.76 |
| “2006 | €134.82 | €7,010.64 |
| “2007 | €138.90 | €7,222.80 |
| “2008 | €142.39 | €7,404.28 |
| “2009 | €146.47 | €7,616.44 |
| “2010 | €152.29 | €7,919.08 |
| “2011 | €153.45 | €7,979.40 |
| “2012 | €158.11 | €8,221.72 |

**Total**:-**€139,309.04**.

“Fir-rapport li hejja l-perit mediku Frederick Zammit Maempel bid-data tat-8 ta’ April 1997, jinghad li l-attrici ghandha 50 sena. Jidher ghalhekk li llum ghandha 65 sena. Il-qorti ma tara xejn hazin li l-perit legali applikat multiplier ta’ 26 sena, meta tqies li x-xoghol tad-dar ikompli irrispettivament tal-eta u s-sitwazzjoni medika tal-attrici ma jidhirx li giet ghall-ahjar. Anzi mas-somma ta’ €139,309.04 il-qorti ser izzid erbgha (4) snin ohra bir-rata ta’ €8,221.72 ghal kull sena[8], cjoe’ €32,886.88 ghal total ta’ **€172,195.92**. Ghalhekk il-kumpens li ghandha jedd ghalih l-attrici hu:-

[8] Il-paga minima nazzjonali ghas-sena 2012.

“€172,195.92 x 20% rata ta’ debilita **= €34,439.**

Dwar il-kummenti li ghamel il-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-qorti tosserva li:-

i. “M’ghandux ikun li jsir tnaqqis ta’ 20% ghal *lump sum payment*. Dan irrispettivament ta’ min kien responsabbli ghad-dewmien zejjed biex tinghata sentenza finali f’kawza li ilha pendenti sa mill-1992. Il-kuncett li kien gie propost ghall-ewwel darba f’sentenza li nghatat minn din il-qorti presjeduta mill-Imhallef J. Said Pullicino, kien gustament qies kemm tkun damet il-kawza. It-tnaqqis ta’ 20% isir ghaliex l-attur ikun qieghed jircievi hlas bil-quddiem, cjoe’ ghall-futur. Madankollu din hi kawza li ser taghlaq 20 sena. Ghalhekk m’hemmx dubju li l-attrici m’hijiex ser tiehu xi beneficcju li jiggustifika xi tnaqqis mis-somma likwidata.

ii. “L-argument tal-konvenut dwar il-multiplier hu minghajr bazi ghaliex l-attrici ghadha hajja, 22 sena wara li sehh l-incident. Ghalhekk dan m’huwiex kaz fejn hemm bzonn li jigi kkunsidrat il-kuncett ta’ *chances and changes of life*, ghal likwidazzjoni tad-danni. L-erbgha snin zejda li l-qorti qeghda zzid, m’huma xejn meta tqies li m’hemmx provi li l-attrici qeghda tbati minn xi mard terminali u meqjus ukoll li l-life expectancy ta’ mara f’Malta hi vicin it-tmenin sena.

iii. “L-attur jippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru a bazi ta’ *weighted average* ta’ 15%. Hu altru milli evidenti li t-tobba qiesu d-debilita medika li qeghda tbati minnha l-attrici b’rizultat tal-griehi li sofriet fl-incident in kwistjoni. Il-qrati rrikonoxxew li persuna ghandha jedd li tigi kkumpensata rrispettivament jekk id-debilita permanenti tatx lok ghal telf ta’ qliegh fil-futur[9]. Il-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn minn jeddha ghandha tvarja dan il-grad ta’ debilita’, iktar u iktar meta tqies li l-attrici trid u ma trid, u intortament, kellha tghix bl-ugiegh u bil-konsegwenzi koroh li ghaddiet minnhom tort tal-konvenut.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“… … … thassar u tirrevoka s-Sentenza tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ Mejju 2012, billi tichad it-talbiet attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.”

[9] Ara sentenzi li hemm riferenza ghalihom fil-kawza **Michael Camilleri nomine vs id-Direttur tal-Edukazzjoni et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri deciza fit-2 ta’ Ottubru 2007.

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni konsegwenza ta' incident li sehh fil-21 ta' Lulju, 1990, meta waqa' raff fil-hanut "Save On" f'Rahal Gdid, li kien mimli merkanzija, u kkawzalha danni permanenti. L-ewwel Qorti sabet favur l-atturi, ikkonkludiet li l-incident sehh kawza tat-traskuragni tal-konvenut u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €34,439 in linea ta' danni.

Il-konvenut appella mis-sentenza u qed jilmenta mis-sejba tar-responsabbilita` u mill-quantum tad-danni.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mar-responsabbilita` tal-incident, il-konvenut jghid li ma saretx "prova oggettiva" tar-responsabbilita` tieghu ghall-incident. Din il-Qorti ma taqbilx. Jirrizulta li r-raff in kwistjoni gie ddisinjat u tpogga fil-hanut mill-konvenut stess, u li dan ceda minhabba t-toqol li tpogga fuqu. Il-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fl-indagni taghha, irrelata illi r-raff ma kienx iddisinjat professjonalment u ghall-mod kif sar kien mghobbi wisq. Veru li l-perit tekniku ma rax l-istat tal-materjal, pero`, stqarr li kellu bizzejjed cirkostanzi u indizji li setghu jwassluh jasal ghal din il-konkluzjoni. Hemm imbaghad xhieda ta' impjegati fil-hanut li qalu li, qabel ma sehh l-incident, kienu imhassbin dwar ir-raff minhabba l-kundizzjoni tieghu u l-hsejjes ta' zaqzieq li kienu jisimghu minnu.

Fuq kollox, din il-Qorti, fil-kawza **Cassar et v. Gauci** deciza fid-9 ta' Novembru, 2012, li kienet titratta l-istess incident (izda danni reklamati minn persuna ohra), gie stabbilit li l-incident sehh kawza ta' negligenza tal-konvenut minhabba d-disinn tar-raff. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni.

> "*Dwar l-allegazzjoni msemmija mill-appellant li l-Perit Tekniku ma kkonsidrax is-sottomissjoni tal-appellant li dak li gara sehh minhabba kollass fid-ducting tal-air-conditioner li sar minn terzi u mhux kagun ta' disinn hazin, jinghad li dwar dan l-istess perit tekniku sostna testwalment li l-appellant "ma ressaq ebda evidenza jew xi hjiel iehor li dak li gara kien rizultat ta' kollass tal-air conditioning".*

> *"Din il-Qorti thoss li f'dan l-isfond l-ewwel aggravju ma' jistax jigi milqugh ghaliex jirrizulta li effettivament l-akkadut sehh minhabba negligenza da parte tal-appellant fid-disinn tal-istess raff. Jirrizulta li dan ir-raff kif kien ma kienx sekur u kien mibni fi stat li kien u baqa' perikoluz u allura hemm responsabbilita` ta' dik il-persuna li bniet l-istess raff (**"Annunziato D'Amato et v. Joseph Camilleri et"** A.C. – 3 ta' Marzu 1958) u l-appellant ma uzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias u b'hekk l-appellant huwa responsabbli ghad-danni kkawzati."*

L-incident hu wiehed u l-istess trattat issa f'din il-kawza, u l-konvenut ma ressaq ebda argument li jwassal lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni milhuqa fil-kawza l-ohra.

L-ewwel aggravju hu ghalhekk michud.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju marbut mal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut jilmenta minn zewg aspetti tal-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat il-kumpens. L-ewwel Qorti uzat il-formola solita adoperata mill-qrati taghha ghal dan il-fini, izda l-konvenut jilmenta mill-figura tal-multiplier uzata mill-ewwel Qorti, u ghax din naqset li tapplika l-principju tal-"*weighted average*" ghal fini tal-percentwali tad-disabbilita` permanenti.

Dwar il-multiplier, l-ewwel Qorti, ghall-mara li kellha tlieta u erbghin (43) sena, meta sehh l-incident, applikat multiplier effettiv ta' 26. Il-konvenut jghid li dan hu hazin, ghax ghall-mara ta' dik l-eta` kellu jigi applikat multiplier ta' 20 ghax irid jittiehed kont tac-"*chances and changes of life*" u l-incertezza marbuta mal-

*life expectancy* tal-bniedem. Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kummenti fil-principju, pero` hawn ghandna kaz ta' incident li sehh fl-1990 u l-vittma ghadha hajja erbgha u ghoxrin sena wara! Mhux kaz allura ta' incertezza dwar il-futur, ghax bhala fatt, multiplier ta' 24 hija haga certa, u allura, li zzid sentejn ohra u tahdem fuq multiplier ta' 26 hu zgur ragjonevoli u gust fic-cirkostanzi. L-attrici hi mara tad-dar u ma tohrogx "bil-pensjoni" kif inhu l-kaz ta' haddiema ohra, u ma tarax li ghandha tnaqqas il-multiplier.

Fir-rigward tal-grad ta' menomazzjoni, f'dan il-kaz gew mahtura zewg esperti medici li rrelataw dwar diversi aspetti tal-hsara li sofriet l-attrici. Skont il-gurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti, ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala "*weigthed average*", fejn id-diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li l-muliplicita` tal-feriti jigu komputati komplessivament (ara per ezempju, **Sant v. Debono**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2007). Bil-"*weigthed average*" ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi tal-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat (ara **Cassar Pullicino noe et v. Xuereb et**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2009). Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` fis-sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh jew il-hidma tal-attur danneggjat (ara **Frendo v. Cachia**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April, 2009, fost diversi sentenzi ohra fl-istess sens).

F'dan il-kaz, il-kirurgu Frederick Zammit Maempel, wiehed mill-esperti mahtura mill-Qorti, ta dizabbilita` ta' 10%, fil-waqt li l-Prof. George Camilleri, espert iehor mahtur mill-Qorti, qal li l-attrici ghandha 10% dizabbilita` fis-snien. L-ewwel Qorti hadmet fuq figura ta' 20% li ma jqisx il-principju aktar qabel enuncjati.

Kif jghid Guido Gentile, "Problemi insoliti nella Valutazione del danno della persona" (Ediz. 1951 pagna 311),

> "*la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficienti delle singole lesioni*, *sebbene da un coefficiente unico, rapportato, nel suo insieme, all'entita` unitaria dell individuo*".

Ghalhekk, taccetta dan l-aggravju tal-konvenut appellant u tara li ghandu jigi addottat percentagg ta' dizabbilita` ta' 15%. Dan ifisser li l-kumpens, flok dak li stabbiliet l-ewwel Qorti, ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin elf tmien mija u tletin ewro (€25,830) ghad-dritt.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Francis Gauci, billi tilqa' biss parti minnu u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni, pero`, tvarja l-likwidazzjoni u l-ordni tal-hlas tad-danni billi tiffissa l-kumpens fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tmien mija u tletin ewro

(€25,830) (flok erbgha u tletin elf erba' mija u disgha u tletin ewro (€34,439) li llikwidat l-ewwel Qorti), bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-Ispejjez kollha tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu xorta wahda mill-konvenut Francis Gauci appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------